## Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

**Onor. Imħallef Mark Simiana, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 289/2023 MS*

**Bezzina Ship Repair Yard Limited**

**Vs.**

**L-Avukat Dottor Charmaine Cherrett u l-Prokuratur Legali Gillian Muscat maħtura b'dikriet tat-2 t'Ottubru 2023 bħala kuratur deputati sabiex jirrappreżentaw lill-Bastiment M/V Turu bin-numru uffiċjali IMO 8408777 u Call Sign HP4694**

Illum, 24 ta' Jannar, 2025

Kawża Numru: 25

1. Dan huwa provvediment finali wara rikors li ġie mressaq mill-attriċi skont l-artikolu 235 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fit-22 ta' Novembru 2024, wara s-sentenza mogħtija fil-11 ta' Novembru 2024.

2. B'risposta tas-16 ta' Jannar 2025, il-kuraturi deputati tal-bastiment konvenut irrimettew ruħhom.

3. Il-kawża inbdiet b'rikors ġuramentat preżentat fis-17 ta' Marzu 2023, li permezz tiegħu l-attriċi talbet lill-Qorti jogħġobha:

> i. Tiddikjara li l-bastiment intimat huwa responsabbli ghall-hlas tal-ispejjez konsistenti f'management and berthing fees sa mill-21 ta' Settembru tas-sena 2021 u li ghaldaqstant il-bastiment hu Debitur tas-socjeta' Bezzina Ship Repair Yard Limited (C 8570) sa mill-21 ta' Settembru tas-sena 2021;
>
> ii. Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont ta' tlieta u disghin elf u erbgha mitt Ewro (€93,400) ghal management and berthing fees;
>
> iii. Tiddikjara li l-bastiment intimat huwa responsabbli ghall-hlas ulterjuri ta' servizzi relatati ghall-preservazzjoni tal-bastiment bhal izda mhux limitat ghad-dawl u l-ilma sa mill-21 ta' Settembru tas-sena 2021;
>
> iv. Tillikwida l-ammont dovut lis-socjeta rikorrenti ghall-hlas ta' l-ispejjez ulterjuri sa mill-21 ta' Settembru tas-sena 2021;
>
> v. Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont hekk likwidat;
>
> vi. Tiddikjara li l-bastiment intimat huwa responsabbli ghal telf ta' profitti a kawza tal-fatt li l-bastiment ghadu rmiggjat fil-facilita' tas-socjeta rikorrenti.
>
> vii. Tillikwida l-ammont dovut lis-socjeta rikorrenti ghal telf ta' profitti;
>
> viii. Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma hekk likwidata;
>
> Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar ipprezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet sad-data tal-effettiv pagament kontra l-bastiment intimat.

4. Fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Novembru 2024, din il-Qorti ddeċidiet hekk:

> Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:
>
> (i) tilqa' l-ewwel tliet talbiet kif dedotti;
>
> (ii) tiċħad it-talbiet rimanenti tal-attriċi għaliex mhux ippruvati;

(iii) tordna li l-bastiment konvenut ibati l-ispejjeż konnessi mal-ewwel tliet talbiet tal-attriċi, filwaqt li l-attriċi ġġorr l-ispejjeż konnessi mar-rimanenti talbiet tagħha li ġew respinti.

5. Fir-rikors tagħha tat-22 ta' Novembru 2024, l-attriċi tgħid li din il-Qorti naqset milli tippronunzja ruħha dwar l-imgħax, u għalhekk ressqet talba sabiex ikun hemm deċiżjoni dwar dik it-talba kif jgħid l-artikolu 235 tal-Kodiċi preċitat. Dik id-dispożizzjoni tgħid hekk:

> Meta l-qorti tal-ewwel grad tħalli barra fid-deċiżjoni waħda mit-talbiet proposti, ma jingħatax appell *ab omissa decisione*:
>
> Iżda, kull waħda mill-partijiet tista', fiż-żmien ta' ħmistax-il jum minn dak in-nhar tas-sentenza, bil-mezz ta' rikors, titlob lill-qorti tal-ewwel grad li taqta' dik it-talba; u fuq dan ir-rikors, wara li l-partijiet jiġu mħarrkin mill-ġdid, il-qorti tiddeċiedi fuq dik it-talba; f'dan il-każ, iż-żmien għall-appell mis-sentenza kollha, jew minn kull parti minnha, jibda jgħodd minn dak in-nhar tal-aħħar deċiżjoni:
>
> Iżda, ukoll, kull waħda mill-partijiet tista', f'kull żmien li jkun, titlob quddiem il-qorti tal-ewwel grad, bil-mezz ta' rikors ġuramentat, id-deċiżjoni tat-talba li ma ġietx deċiża.

6. Effettivament huwa minnu li din il-Qorti ma ppronunzjat ruħha b'ebda mod dwar it-talba tal-attriċi għall-imgħax – la ċaħditha, u lanqas laqgħetha. Dan huwa każ ċar ta' *ab omissa decisione* (ara l-provvediment tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-4 ta' Jannar 2018 fil-każ ***Maria Regina Granata et vs. Joseph Zahra et***, li wkoll kien proprju jitratta nuqqas ta' pronunzjament dwar talba għall-imgħaxijiet). La darba wkoll ir-rikors tal-attriċi sar fiż-żmien li tgħid il-liġi, it-talba tagħha se tiġi milqugħa u din il-Qorti sejra tippronunzja ruħha dwar it-talba għall-imgħaxijiet permezz tal-provvediment odjern.

7. Fis-sentenza tal-11 ta' Novembru 2024, din il-Qorti laqgħet it-talbiet tal-attriċi għall-ħlas ta' ammonti li kienu likwidi, ċerti u dovuti. Skont l-artikolu 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili: «*Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita*». L-obbligazzjoni kanonizzata

favur l-attriċi hija bla dubju ta' xejn waħda kummerċjali, u għalhekk l-imgħaxijiet mhux biss huma dovuti mill-bastiment konvenut, imma huma dovuti minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.

8. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda, filwaqt li tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors tal-attriċi tat-22 ta' Novembru 2024, tilqa' wkoll t-talba tal-attriċi kif kontenuta fir-rikors ġuramentat tagħha tas-17 ta' Marzu 2023 billi tiddikjara illi l-bastiment konvenut għandu wkoll iħallas l-imgħax kummerċjali fuq l-ammont ta' tlieta u disgħin elf u erba' mitt Ewro (€93,400) dekorribbli mid-data ta' kull fattura sal-jum tal-ħlas effettiv, u tikkundanna għalhekk lill-bastiment konvenut iħallas dan l-imgħax lill-attriċi.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur